MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 207/2011

**Henry Peter Copperstone (ID 527960M)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ Henry Peter Copperstone (ID 527960M)

Illi b’ittra ufficjali bin-numru 1807/11 tad-9 ta’ Gunju, 2011, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab il-hlas ta’ €494 in kwantu ghal €487 fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-sena 2003 u kwantu ghal €7 bhala taxxa addizzjonali.

Illi bl-istess ittra ufficjali l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni informa lir-rikorrenti illi huwa ser jipprocedi ghall-

esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Illi din l-Ittra Ufficjali mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija ghal kollox abbuziva u illegali stante illi t-tax payer ma giex nnotifikat b’nota ta’ talba lil persuna intaxxata a tenur ta’ l-artikolu 44(1)(b) tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kien ikollu hmistax-il jum mid-data tan-notifika biex jiddeciedi jekk ghandu jottempra ruhu ma’ dak mitlub mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni u ghalhekk proceduralment din l-ittra ufficjali ma hargitx wara l-proceduri kontemplati mill-istess Ligi.

Illi ghalhekk bla pregudizzju ghall-premess se mai kellha tohrog d-demand note, kif ukoll il-procedura ad operata mid-Dipartiment m’hijiex korretta skond il-Ligi ghaliex id-Dipartiment sal-lum ghadu ma harigx rifjut skond il-Ligi biex b’hekk ir-rikorrenti jkollu dritt imur quddiem il-*Board of Special Commissioners* kif rikjest mill-istess Ligi.

Illi inoltre ma setghax jintalab il-hlas ghas-sena 2003, stante illi d-dipartiment ossia l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu hames snin sabiex johrog din it-tali assessment liema ammont ghalhekk huwa preskritt skond il-Ligi.

Illi r-rikorrenti baghat id-*decleration form* ghas-sena ta’ stima 2003 sat-30 t’April, 2003 flimkien mal-formoli l-ohra kollha rikjesti skond il-Ligi. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg *tax assessment* imma naqas li jinkludi l-qliegh tal-mara Denise Copperstone u hallsuh rifuzjoni ta’ Lm337. Dan it-tax statement inhareg erronjament mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-10 ta’ Ottubru, 2003.

Illi fl-FS3 ta’ Denise Copperstone kien fil-pussess tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pero’ huwa, min-naha tieghu, b’nuqqas ta’ diligenza u/jew negligenza, rikjesta skond il-Ligi naqas li jhalli dan mit-*tax statement* mibghut lir-rikorrenti.

Illi l-FS3 Form ta’ Denise Copperstone giet mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn International Media Services Limited u dan sal-15 ta’ Frar, 2003.

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma nkludiex il-qliegh ta’ Denise Copperstone b’negligenza tieghu sad-29 ta’ Jannar, 2010 ossia sa sebgha snin wara d-dikjarazzjoni tat-taxxa giet intavolata mill-istess Henry Copperstone.

Illi l-Ligi timponi illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu hames snin mill-ahhar tas-sena 2003, biex huwa jibghat dan l-*assessment* b’hekk l-azzjoni tentata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-ittra ufficjali fuq imsemmija, hija preskritta skond il-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi jaghmel riferenza ghall-Artikolu 281 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta’ Malta u jitlob li l-att esekuttiv jithassar ghal kollox ghar-ragunijiet validi fil-ligi ossia ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghalhekk huwa m’ghandux jaghti din is-somma kif mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante l-ftehim milhuq u dan ukoll peress li ghadu ma harigx ir-rifjut skond il-Ligi.

Bl-ispejjez.

Ra wkoll ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn jesponi bir-rispett;

Illi fl-ewwel lok l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors promutur kif irid l-artikolu 181B tal-Kap12;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, nonostante li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti li permezz tieghu l-esponent inghata ghaxart (10) ijiem ghar-risposta u gie appuntat ghas-smigh ir-rikors odjern igib id-data tat-30 ta’ Gunju, 2011, stranament il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie notifikat biss fil-11 ta’ Lulju, 2011. Peress li s-smigh ta’ din il-kawza huwa ghat-12 ta’ Lulju, 2011 fid-9.00 ma kienx hemm bizzejjed zmien qabel l-ewwel udjenza sabiex tigi pprezentata risposta aktar dettaljata u sostnuta

b’dokumentazzjoni u l-esponent jirrizerva li jressaq risposta ulterjuri kif ukoll dokumentazzjoni li ssostni r-risposta odjerna;

Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju, l-procedura ta’ l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla in vista tal-fatti illi r-rikors gie intavolat ai termini ta’ l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi odjerni peress illi l-ittra ufficjali numru 1807/2011 tad-9 ta’ Gunju, 2011 mhijiex wahda mil-atti ezekuttivi elenkati fl-artikolu 273 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju, minkejja li l-azzjoni odjerna qed issir ai termini ta’ l-artikolu 281 tal-Kap 12, ma gewx pprezentati l-ebda dokumenti mar-rikors promutur kif irid l-istess artikolu tal-ligi;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

(a) Illi mhuwiex minnu li r-rikorrent ma giex notifikat bl-Avviz ta’ Talba ghal hlas a tenur ta’ l-artikolu 44 (1)(b) tal-kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent f’dan is-sens hija bir-rispett kollu infondata;

(b) Illi lanqas ma huwa minnu li l-procedura adoperata mill-esponent m’hijiex korretta. B’referenza ghar-raba’ paragrafu tar-rikors promutur, mis-sistema tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma jirrizultax li hemm xi oggezzjoni pendenti u ghal din ir-raguni l-esponent ma jistax jifhem kif ir-rikorrent qieghed jippretendi li d-Dipartiment johrog rifjut;

(c) Illi effettivament, l-esponent intaxxa lir-rikorrent skond id-dikjarazzjonijiet u l-FS3s annessi mad-*Declaration Form* li huwa stess ipprezenta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

(d) Illi kuntrarju ghal dak li qed jallega r-rikorrent, la l-assessment u lanqas l-azzjoni ghal gbir ta' taxxa dovuta m'huma preskritti kif se jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

(e) Illi kwalsiasi nuqqas ta' dilgenza u/jew negligenza li r-rikorrent qieghed jattribwixxi lill-esponent hija assolutament infondata;

(f) Illi l-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq id-dhul ai termini tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrenti fl-intier taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u dan partikolarment in vista tal-ewwel u t-tieni paragrafi ta' din ir-risposta;

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat kwantu l-irritwalita' u n-nullita tal-azzjoni odjerna. Kif evidenti mir-rikors, promutur, r-rikorrenti intavola din il-procedura fit-termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti thassar l-att ezekuttiv ottenut mill-intimat fit-termini tal-artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Illi kif inhu ben konoxxut, hemm diversi proceduri ghad-disposizzjoni tal-parti li jehtigilha tadixxi lill-Qorti jew Tribunal sabiex tattakka titolu ezekuttiv ottenut bil-varji disposizjonijiet tal-ligi. Issa, kif evidenti mir-rikors promutur u r-risposta tal-intimat, l-istess rikorrenti adixxa lil din il-Qorti sabiex thassar t-titolu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ottenut bis-sahha tal-artikolu 40 tal-Kap 327

fuq il-premessa li ma kienx notifikat skond il-ligi. L-intimat Kummissarju esebixxa kopja ta' ittra ufficcju tad- 9 ta' Gunju 2011 spedita minnu lir-rikorrenti li fiha jaghmel referenza ghall-avviz Rendikont tat-22 t'April 2010 fejn wara nuqqas ta' risposta, l-istess Kummissarju ottjena titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti;

Fl-ezami tal-aspetti kollha tal-vertenza odjerna, din il-Qorti ezaminat ukoll is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 t'Ottubru 2009 fl-ismijiet Carmlu Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn jirriuzltaw fatti konsimili hafna ghal dawk odjerni. Dik il-Qorti ezaminat b'mod approfondit u studjat *inter alia* d-dritt tal-parti li tadixxi lill-Qorti fit-termini tal-artikolu 466 u 281 tal-Kap 12. L-istess Qorti ghamlitha cara illi hemm distinzjoni bejn l-attakk tal-att ezekuttiv u l-att tat-titolu ezekuttiv miksub mill-kontro-parti. Tajjeb li jinzamm fil-mira illi l-artikolu 281 tal-Kap 12 huwa disponibbli ghal dik il-parti li tkun trid tattakka **att ezekuttiv**. Issa r-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet iccita l-kawza fl-ismijiet Joseph Caruana Curran (jnr) et vs Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud PA 26/03/2010 fejn kien konfermat illi l-atti ezekuttivi msemmija fl-artikolu 281 huma dawn elenkati fl-artikolu 273 tal-Kap 12. It-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat bis-sahha tal-artikolu 40 tal-Kap 327 mhux att ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 273 Kap 12 u kif gustament kkonkludiet il-Qorti fil-kawza citata *supra* Carmlu Limited, l-procedura li ghaliha kellu jirrikorru r-rikorrenti kienet dik tar-rikors guramentat fit-termini tal-artikolu 161(1) tal-Kap 12. Il-procedura li adopera r-rikorrenti mhix wahda li tista' tkun salvata skond id-dispost tal-artikolu 789(1) proviso tal-istess Kap 12;

Ghalhekk l-intimat Kummissarju tat-Taxxi interni ghandu ragun fl-eccezzjoni tieghu u filwaqt illi jilqa' l-istess, qieghed jiddikara l-azzjoni odjerna bhala nulla u bla effett u ghalhekk tichad it-talbiet rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------